# FESTA SAN ĠUŻEPP 2026



## SANTWARJU ARĊIPRETALI TAL-QALA

**21 TA' LULJU – 8 T'AWWISSU**

# PROGRAMM

## IT-TLIETA, 21 TA' LULJU
## JUM TA' TALB U TĦEJJIJA GĦALL-FESTA

**6.00pm** Mota Solenni li tħabbar il-bidu tal-festa.

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Quddiesa minn Dun Massimo Buttigieg.

**7.30pm** Laqgħa ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija bi tħejjija għall-festa. Imexxi t-talb Patri Marcello Ghirlando OFM. Hija mistiedna l-komunità parrokkjali kollha, fosthom l-għaqdiet reliġjużi u soċjali u dawk involuti fl-organizzazzjoni tal-festa.

## L-ERBGĦA, 22 TA' LULJU
## ĦRUĠ TAL-ISTATWA MIN-NIĊĊA
## IS-SEBA' ERBGĦA TA' SAN ĠUŻEPP

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni mill-Arċipriet Mons. Edward Xuereb, u animata mill-Għaqda Mużikali 'Ite ad Joseph', tal-Qala. Mistiedna n-nies kollha tal-Qala u l-Qalin li jgħixu 'il barra mill-Parroċċa, speċjalment l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Wara Ħruġ tal-istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa f'atmosfera ta' talb u kant animat mill-Kor Parrokkjali *San Ġużepp,* u ħruq tan-nar tal-ajru. Issir l-aħħar ġabra għall-festa.

**8.15pm** Marċ mill-Banda 'Ite ad Joseph' fil-Pjazza prinċipali, wara li tkun laqgħet l-Istatwa ta' San Ġużepp fuq iz-zuntier.

## IL-ĦAMIS, 23 TA' LULJU
## L-EWWEL JUM TAN-NOVENA
## JUM IT-TFAL U L-ADOLEXXENTI

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni minn Dun Massimo Buttigieg li din is-sena qed jiċċelebra l-10 snin mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Mistiedna t-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ kollha. Wara t-tqarbin issir il-preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal lill-Patrijarka San Ġużepp. Janima l-kant il-kor tat-tfal u l-adolexxenti.

**8.30pm** Logħob għat-Tfal u l-Adolexxenti fil-Pjazza organizzati miż-Żgħażagħ tal-Parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

## IL-ĠIMGĦA, 24 TA' LULJU
## IT-TIENI JUM TAN-NOVENA
## JUM IL-BARRANIN LI JGĦIXU FOSTNA

**5.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**6.00pm** Quddiesa bl-Ingliż immexxija mill-E.T Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, li tinawgura t-Tieni Edizzjoni tal-attività multikulturali internazzjonali, *Uniting Cultures in Qala*, imtella' mill-Parroċċa tagħna flimkien mal-Provinċja 23 tal-Catenians. Ilkoll mistiedna ningħaqdu mal-barranin kollha li jgħixu fostna.

**7.00pm** It-tieni Edizzjoni tal-*Uniting Cultures in Qala* fil-Knisja b'mużika sagra minn talent lokali u barrani, bil-koperazzjoni tal-Parroċċa u tal-Provinċja 23 tal-Catenians.

**8.30pm** BBQ Rally organizzat mill-Għaqda Briju San Ġużepp akkumpanjat mill-mużika ta' Cash & Band fit-Triq 28 t'April 1688, quddiem iċ-ċentru parrokkjali.

## IS-SIBT, 25 TA' LULJU
## IT-TIELET JUM TAN-NOVENA
## JUM VOKAZZJONIJIET U FAMILJI

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni mill-Arċipriet tan-Nadur il-Kan. Dun Krystof Buttigieg, bis-sehem tal-Grupp tal-Abbatini tal-Parroċċa. Mistiedna l-miżżewġin kollha partikularment dawk li qed irabbu, kif ukoll l-għarajjes kollha. Stedina partikulari lill-miżżewġin li qed jiċċelebraw l-anniversarju tal-25, 50 u 60 miż-żwieġ tagħhom. Janimaw l-kant Clayton u Joe Buttigieg.

**8.30pm** Tombla u High Tea organizzat mill-Għaqda Armar San Ġużepp fit-Triq 28 t'April 1688 quddiem iċ-Ċentru Parrokkjali.

## IL-ĦADD, 26 TA' LULJU
## IR-RABA' JUM TAN-NOVENA
## FESTA TA' SAN ĠUŻEPP GĦAT-TFAL

*Quddies fis-6.00am, 8.30am, 11.00am u fil-5.30pm.*

*Kunċizzjoni fis-6.00am.*

**5.00am** Filgħodu ikun hemm it-tiġirijiet taż-żwiemel fi Triq l-Imġarr.

**8.30am** Konċelebrazzjoni mmexxija minn Fr Rob Galea, Saċerdot Malti Awstraljan, kantant, kompożitur u kelliem ta' fama internazzjonali, bis-sehem tat-tfal kollha. Janima l-kant il-grupp taż-żgħażagħ. Wara l-quddiesa, issir Dimostrazzjoni fl-inħawi tal-Knisja Parrokkjali bl-istatwa ta' San Ġużepp merfugħa mit-tfal, li titlaq mill-Pjazza Ewlenija, għal Triq San Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg, Triq 28 t'April u tispiċċa mill-ġdid fil-Pjazza Ewlenija bis-sehem tal-Banda 'Ite Ad Joseph' tal-Qala. Il-quddiesa tal-10.30am, għal-lum biss tkun fil-11.00am.

**8.00pm** *Fr. Rob – Live in Concert.* Serata ta' mużika fi Pjazza San Ġużepp li tfakkar Tletin Sena ta' Xandir tar-Radju Leħen il-Qala (1996-2026) għall-familji kollha. Dħul b'xejn. Mistieden speċjali Fr Rob Galea, Saċerdot Malti Awstraljan, kantant, kompożitur u kelliem ta' fama internazzjonali.

## IT-TNEJN, 27 TA' LULJU
## IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA
## JUM IL-KATEKEŻI U L-KELMA TA' ALLA

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni minn Mons Salv Grima. Mistiedna l-katekisti kollha u dawk kollha li jattendu l-laqgħat fl-għaqdiet u tal-katekeżi tal-adulti. Ikanta l-Kor Parrokkjali San Ġużepp.

**8.00pm** '*Lejla Għawdxija - Serata ta' Mużika Folk u Country taħt l-istilel*' imtella' mill-Kunsill Lokali tal-Qala fi Pjazza San Ġużepp. Kulħadd mistieden. Ikun hemm logħob għat-tfal fil-pjazzetta.

## IT-TLIETA, 28 TA' LULJU
## IS-SITT JUM TAN-NOVENA
## JUM IL-KARITÀ U L-MORDA

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kan. Dun Anton Attard, kappillan tal-isptar. Jingħata s-sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-morda u anzjani minn 60 sena'l fuq. Mistiedna lkoll inġibu oġġetti tal-ikel u l-karita' għall-familji foqra.

**9.00pm** Kunċert Mużikali imtella' mill-Banda 'Ite ad Joseph' fil-Pjazza ewlenija fl-okkażjoni tat-Tletin Sena mit-twaqqif tagħha (1996), taħt id-direzzjoni ta' Mro. Mark Gauci.

## L-ERBGĦA, 29 TA' LULJU
## L-EWWEL JUM TAT-TRIDU SOLENNI
## JUM IL-VOLONTARJAT

**6.30pm** Kant tal-Għasar Solenni.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Dun Charles Buttigieg li tiftaħ tlett ijiem solenni ta' talb u katekeżi liturġika dwar il-Patrun tal-Knisja minn Patri Marcello Ghirlando OFM. L-Orkesta tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono. Wara, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Charles Buttigieg.

**8.30pm** Ikla Kbira tal-Festa organizzata mill-Parroċċa fil-Pjazza prinċipali, bl-akkumpanjament ta' Band mużikali sponsorjata mill-Ministeru għal Għawdex.

## IL-ĦAMIS, 30 TA' LULJU
## IT-TIENI JUM TAT-TRIDU SOLENNI
## JUM L-EMIGRANTI, QALIN BARRA L-QALA

**6.30pm** Kant tal-Għasar Solenni.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Jum tat-Tridu mmexxija minn Dun Massimo Buttigieg bl-omelija minn Patri Marcello Ghirlando OFM. Wara, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Massimo Buttigieg.

**8.45pm** Marċ mill-Banda *Santa Margerita* Ta' Sannat li jitlaq minn Triq in-Nigret, Triq Anton Buttigieg, Triq Ġanni Vella, Triq in-Nigret, Triq Salvu Attard, Triq Anton Buttigieg, Triq l-Isqof Cagliares, u jispiċċa fi Triq 30 t'Ottubru.

**9.30pm** Marċ brijuż mill-Banda 'Ite ad Joseph' tal-Qala mit-Triq l-Isqof Cagliares, Triq 30 t'Ottubru. Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp u Triq 28 t'April. Il-marċ brijuż jagħlaq



bit-tlugħ tal-istatwa ta' San Ġużepp fuq il-pedestall fi Pjazza l-Isqof Buttigieg. Matul Triq it-28 t'April 1688 u fi Pjazza Isqof Buttigieg, l-Għaqda Armar San Ġużepp tinawgura sett bandalori ġodda.

**12.00am** Feature awdjo-viżiv u show tan-nar sinkronizzat mal-mużika fi Pjazza l-Isqof Buttigieg imtella' mill-Għaqda Briju San Ġużepp u maħdum mil-kamra tan-nar 25 ta' Novembru Zejtun.

## IL-ĠIMGĦA, 31 TA' LULJU
## IT-TIELET JUM TAT-TRIDU SOLENNI
## JUM L-GĦAQDIET SOĊJALI, SPORTIVI U RIKREATTIVI

**6.30pm** Kant tal-Għasar Solenni.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tielet Jum tat-Tridu mmexxija minn Dun Gabriel Vella, bl-omelija minn Patri Marcello Ghirlando OFM. Wara, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Gabriel Vella.

**9.30pm** Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġużepp, akkumpanjata mill-Banda 'Ite ad Joseph' tal-Qala li titlaq mill-Pjazza ewlenija, għal Triq ir-Rebħa, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg, Triq 28 t'April 1688 u tispiċċa mill-ġdid fil-Pjazza prinċipali. Waqt it-tlugħ tal-istatwa fuq il-pedestall fil-Pjazza jindaqq l-Innu Popolari *Lill-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-Qala*, mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara u versi tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani. Wara tittella' show bl-isem *'Shades of Light'*, spettaklu tan-nar sinkronizzat mal-mużika mtella' mill-Għaqda Briju San Ġużepp u maħdum mil-kamra tan-nar 25 ta' Novembru Żejtun.

## IS-SIBT 1 TA' AWWISSU
## TMIEM IN-NOVENA MQADDSA
## JUM IL-BENEFATTURI ĦAJJIN U MEJTIN

**7.00am** Quddiesa mmexxija minn Dun Charles Buttigieg. Wara t-Tqarbin isir it-talb tat-*Te Deum* f'għeluq in-Novena.

## VĠILI TAS-SOLENNITÀ TA' SAN ĠUŻEPP

**6.00pm** Marċ mill-Banda 'Ite ad Joseph' tal-Qala li jibda minn Triq it-Tempju, jgħaddi minn Triq Grunju, Pjazza Repubblika, Triq il-Qala u Triq San Ġużepp, u wara jakkumpanja t-Translazzjoni Solenni minn ħdejn il-Kappella tal-Museum għall-Knisja Arċipretali.

**7.00pm** Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' San Ġużepp immexxija mill-Arċipriet Mons Edward Xuereb mill-Kappella tal-Museum għall-Knisja Arċipretali li fiha tieħu sehem il-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Qala u l-Fratellanza tal-Imsida. Waqt id-dħul Solenni tat-Translazzjoni fis-Santwarju Arċipretali, jindaqqu l-Innu u l-Antifona. Eżatt wara, Konċelebrazzjoni Solenni ta' Lejliet is-Solennità mmexxija mill-Arċipriet. Antifona fi tmiem il-quddiesa.

**9.00pm** Il-Banda *Viżitazzjoni* tal-Għarb tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier fil-pjazza.

**9.00pm** Marċ ta' lejliet il-festa mis-Soċjeta' Mużikali *San Ġużepp AD 1889* tal-Ħamrun li jibda minn Triq il-Belvedere sal-Pjazza fejn tkompli ddoqq marċi brijużi.

**12.00am** Fi tmiem il-marċ, wirja spettakolari tal-Logħob tan-Nar tal-Art imtella' mill-Kumitat tan-Nar San Ġużepp.

## IL-ĦADD, 2 TA' AWWISSU
## JUM IL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

*Quddies fis-6.00am, 8.00am, 9.00am, 11.00am u fil-5.00pm. Kunċizzjoni fis-6.00am.*

**9.00am** Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, fejn jagħmel l-omelija tal-okkażjoni tal-Festa Parrokkjali.

**11.00am** Quddiesa ċċelebrata mill-Arċipriet b'partijiet bil-Malti u oħrajn bl-Ingliż, bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

**12.00pm** Marċ popolari u brijuż mill-Banda Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel, Żabbar AD1883 li jibda minn Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq l-Imġarr, Pjazza Isqof Mikiel Franġisk Buttigieg, Triq 28 t'April 1688, u jintemm fit-3.00pm fil-Pjazza Ewlenija. Fit-tmiem il-marċ tittella' show tal-karti sinkronizata mal-mużika bl-isem *'Symphony of Colours'*, b'kollaborazzjoni bejn l-Għaqda Briju San Ġużepp u l-Kumitat tan-Nar San Ġużepp.

**5.00pm** Quddiesa mmexxija minn Dun Charles Buttigieg.

**6.00pm** Kant tat-Tieni Għasar tas-Solennità bil-Malti mill-Kleru tal-Parroċċa flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Arċipriet Mons. Edward Xuereb.

**7.15pm** Ħruġ Solenni tal-Istatwa devota ta' San Ġużepp u Purċissjoni mmexxija mill-Arċipriet flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa u l-Fratelli tal-Parroċċa tal-Qala kif ukoll il-Fratelli tal-Parroċċa tal-Isla u l-Fratelli tal-Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba. Il-Banda 'Ite ad Joseph' tal-Qala taħt id-direzzjoni tal-Mro. Mark Gauci tilqa' u ssellem lil San Ġużepp bl-Innu Popolari *lill-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-Qala* u bl-Innu l-Kbir *A San Giuseppe* ta' Mro. Indri Borg bis-sehem tal-Kor Parrokkjali *San Ġużepp*. Wara, l-istess Banda takkumpanja l-Purċissjoni Solenni bid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Waqt il-Purċissjoni jiġi reċitat talb wara l-Istatwa. Fil-Pjazza ewlenija l-Banda *Victory* tax-Xagħra tanima l-atmosfera b'marċi tal-festa.

**10.15pm** Dħul Solenni tal-istatwa Titulari ta' San Ġużepp akkumpanjat minn spettaklu ta' logħob tan-nar tal-ajru u mill-kant tal-Innu Popolari *lill-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-Qala* akkumpanjat mill-Banda 'Ite ad Joseph' tal-Qala u mill-Banda Victory tax-Xagħra.

**10.30pm** Fil-knisja, tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali u jsir messaġġ konklussiv.

## IS-SIBT, 8 TA' AWWISSU
## 55 SENA TAL-INKURUNAZZJONI TAL-KWADRU TITULARI

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Ewkaristika ta' Radd il-Ħajr mill-Kleru tal-Parroċċa, bil-kant tat-*Te Deum*. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali *San Ġużepp*. Wara jsir id-dħul tal-istatwa ta' San Ġużepp fin-niċċa.

## MUŻIKA SAGRA FIL-KNISJA ARĊIPRETALI:

- Il-mużika fil-Knisja, fil-jiem tan-Novena tkun tal-Kor Parrokkjali San Ġużepp li huwa taħt id-direzzjoni tal-Organista s-Sur Mario Portelli u tal-Kor tat-Tfal *Kor Ulied San Ġużepp*, Adolexxenti u ż-Żgħażagħ.
- Il-mużika bl-orkestra u l-kor fil-knisja, kemm fil-jiem tat-Tridu u kemm lejliet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono.

## NAR U ILLUMINAZZJONI FIL-FESTA:

- In-nar tal-arju u tal-art ta' matul il-festa hu ordnat mill-Kumitat tan-Nar tal-Festa. Fil-jiem ta' waqt u wara l-festa, ħadd m'għandu ma jersaq lejn l-għelieqi tan-nar, jekk mhux awtorizzat. Il-bdiewa mitluba jiġbru tiben u oġġetti li jinħarqu mir-raba' qrib fejn jinħaraq in-nar. L-istess, materjal li jista' jinħaraq, jitneħħa minn fuq il-bjut. In-nar matul il-festa huwa ta': Santa Katerina FWF - Żurrieq, St Andrews FWF tal-Unjoni - Luqa, Santa Marija FWF - Qrendi, Lourdes FWF - Qrendi, St Michael's FWF - Lija, San Ġużepp FWF – Għaxaq, Dilettanti liċenzjati tal-Kumitat tan-Nar San Ġużepp - Qala
- L-Illuminazzjoni tal-Festa, kemm tal-Knisja kif ukoll tat-triqat, hi taħt id-direzzjoni ta' Joe Cutajar.

## TRASMISSJONIJIET TAL-FESTA FUQ IR-RADJU U L-WEBSAJT

- *Radju Leħen il-Qala* jxandar fuq 106.3FM Stereo bi skeda sħiħa tal-Festa mit-18 ta' Lulju sat-2 ta' Awwissu 2026, il-funzjonjiet liturġiċi u l-attivitajiet esterni kollha tal-festa flimkien ma' programmi varji mill-istudjows fi Triq San Franġisk b'servizz partikulari għall-anzjani u l-morda.
- Il-funzjonijiet kollha tal-festa jistgħu jiġu segwiti fuq il-websajt www.radjulehenil-qala.com fejn mhux biss jinstemgħu imma jintwerew ukoll permezz tal-kameras kemm fil-Knisja u fil-Pjazza.

## KOLLABORAZZJONI

- Radd il-ħajr lill-Kunsill Lokali tal-Qala tal-kollaborazzjoni biex jittellgħu diversi attivitajiet kulturali u soċjali.
- Grazzi wkoll lill-Ministeru għal Għawdex tal-koperazzjoni rigward l-istess avveniment tal-festa tagħna.

## QUDDIES U QRAR
### FIL-KNISJA ARĊIPRETALI

***IL-QUDDIES F' JUM IL-FESTA:***
6.00am, 8.00am, 9.00am, 11.00am u 5.00pm

***IL-QRAR MATUL IL-FESTA:***
*(konfessuri barranin)*

**Il-Ħamis 30 ta' Lulju**
mit-4.00pm sas-6.00pm

**Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju**
mill-4.00pm sas-6.00pm

***Is-Saċerdoti tal-Parroċċa jkunu disponibbli għall-qrar fil-ħinijiet tas-soltu.***

***Infakkru li din hija festa reliġjuża u għalhekk jintlaħaq l-iskop veru tagħha meta wieħed jersaq lejn Alla permezz tas-sagramenti.***

L-ARĊIPRIET FLIMKIEN
MAL-KLERU TAL-PARROĊĊA
JIXTIEQU JAWGURAW

*il-Festa t-Tajba*

LILL-KOMMUNITÁ PARROKKJALI
TAL-QALA

Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza San Ġużepp, il-Qala, Għawdex
Uffiċċju - 2155 6684 / Knisja - 2155 8552 Qala Parish